



It-tieni Stħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja Kundizzjonijiet tal-għajxien, esklużjoni soċjali u bennesseri mentali

Sommarju eżekuttiv

Introduzzjoni

Matul dawn l-aħħar għoxrin sena, kien hemm bidla kbira fid-dibattitu Ewropew dwar il-progress soċjali u kif jitkejjel. Il-kunċett tal-esklużjoni soċjali ħa post dejjem aktar tal-kunċett tal-faqar fid-diskussjoni tal-politika tal-UE dwar il-vulnerabilità u l-iżvantaġġ soċjali. Aċċess għas-suq tax-xogħol u kundizzjonijiet tal-għajxien mhux favorvoli jaffettwaw kemm il-parteċipazzjoni soċjali kif ukoll il-kuntatt soċjali, li min-naħa tagħhom ikollhom impatt fuq il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tal-Ewropa u jinfluwenzaw il-perċezzjoni tagħhom tal-esklużjoni soċjali. It-tieni Stħarriġ Ewropew dwar il-Kwalità tal-Ħajja (EQLS), immexxi mill-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol (Eurofound) fl-2007, joffri ħarsa wiesgħa lejn id-diversi realtajiet soċjali fis-27 Stat Membru tal-UE, kif ukoll ikopri lin-Norveġja u l-pajjiżi kandidati tal-Kroazja, l-Eks Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja u t-Turkija.

Dan ir-rapport iħares lejn ir-relazzjonijiet bejn il-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-esklużjoni soċjali u l-benesseri mentali. Huwa jislet mir-riżultati tal-EQLS biex jeżamina l-fatturi li jinfluwenzaw l-esklużjoni soċjali perċeputa u l-impatt li din għandha fuq il-benesseri mentali. Fatturi bħal dawn jinkludu l-aċċess għas-suq tax-xogħol, l-istandards tad-dħul u l-istil ta' ħajja, u d-disponibilità tal-appoġġ soċjali.

Kuntest tal-politika

Konsegwenza tat-tkabbir tal-UE għas-27 Stat Membru kienet l-inklużjoni ta' numru ta' pajjiżi bi standards tal-għajxien konsiderevolment iktar baxxi minn dawk fil-15-il Stat Membru inizjali (UE15). Bosta mit-12 l-Istat Membru l-ġdid (NMS12) u t-tliet pajjiżi kandidati (CC3) għandhom livelli oġhla ta' qgħad u infrastruttura ta' għajjnuna soċjali dgħajfa. Din is-sitwazzjoni tefgħet dawl fuq l-importanza tal-iżvilupp ta' politika tal-UE fil-qasam tal-esklużjoni soċjali u l-faqar.

Dawk li jfasslu l-politika huma responsabbli biex jippromwovu bidla pożittiva biex itaffu dawn id-differenzi kbar bejn l-istandards tal-għajxien, li jistgħu jtellfu il-koeżjoni fl-UE –

b'mod partikolari jekk il-gruppi ta' referenza għat-tqabbil huma fi Stati Membri oħrajn iktar sinjuri. Il-bini ta' Ewropa iktar inklussiva huwa għalhekk vitali biex jinkisbu l-għanijiet tal-UE ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli, iktar xogħlijiet u xogħlijiet aħjar u iktar koeżjoni soċjali.

Sejbiet ewlenin

Mudelli ġenerali ta' esklużjoni soċjali

Maġġoranza taċ-ċittadini Ewropej iħossuhom integrati soċjalment, b'86% tal-parteċipanti jwieġbu b'mod pożittiv fuq l-indikaturi għall-integrazzjoni soċjali. Min-naħa l-oħra, 14% tal-parteċipanti jirrapportaw xi livell ta' esklużjoni soċjali u 2% jirrapportaw esklużjoni qawwija. Il-livelli tal-inklużjoni huma oġhla fl-Istati Membri tal-UE15 u iktar baxxi fil-pajjiżi CC3 u INMS12. B'mod partikolari, ċittadini mill-Bulgarija, il-Kroazja, l-Ex Repubblika Jugosłava tal-Maċedonja u r-Rumanija jirrapportaw l-oġhla livelli ta' esklużjoni, filwaqt li ċ-ċittadini tad-Danimarka, in-Norveġja u l-Iżvezja juru l-iktar livelli baxxi ta' esklużjoni soċjali bħala medja.

Impatt tal-ambjent makro

Il-livell medju tal-esklużjoni soċjali perċeputa f'pajjiż hija marbuta b'mod qawwi mal-prodott domestiku gross (PDG) tiegħu. Madankollu, din ir-rabta mhijiex fissa. Xi pajjiżi, b'mod partikolari l-pajjiżi Skandinavi, juru livelli iktar baxxi mill-medja ta' esklużjoni soċjali minn oħrajn, bħall-Awstrija, il-Belġju u Franza, filwaqt li għandhom l-istess livell ta' PDG per capita. Bl-istess mod, uħud mill-Istati Membri inqas sinjuri tal-UE, bħal Malta, il-Portugall u s-Slovenja, jirrekodjaw livelli għoljin ta' integrazzjoni minkejja l-PDG iktar baxx tagħhom. Ir-rata tal-qgħad fil-pajjiż u l-livell tal-faqar fid-dħul huma wkoll assoċjati mal-esklużjoni soċjali, għalkemm xi pajjiżi jidhru li huma aħjar biex iżommu l-integrazzjoni soċjali minkejja rata oġhla ta' qgħad.

Indikaturi fuq livell mikro tal-esklużjoni

Livelli oġhla ta' tiċħid ta' stil ta' ħajja u stress ekonomiku huma indikattivi ta' individwu li qed jesperjenza l-esklużjoni soċjali. Fil-pajjiżi CC3 u NMS12, livelli oġhla

ta' tiċħid jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għal livell ogħla ta' esklużjoni soċjali perċeputa meta mqabbel mal-UE15. Madankollu, ċittadini tal-UE15 jesperjenzaw livelli iktar baxxi ta' esklużjoni perċeputa fuq l-istess livell tat-tiċħid.

Madwar il-pajjiżi, individwi li huma qiegħda huma iktar probabbli li jirrapportaw livelli ogħla ta' esklużjoni meta mqabbla mal-gruppi l-oħrajn kollha ta' stejtn ta' xogħol. Il-qgħad iwassal għal livelli simili ta' esklużjoni perċeputa madwar il-pajjiżi, minkejja li l-kundizzjonijiet attwali tal-għajxien jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti. Individwi f'karigi ogħla u mhux manwali għandhom it-tendenza li jirrapportaw livelli iktar baxxi ta' esklużjoni.

Rwol tal-appoġġ soċjali

L-abilità perċeputa taċ-ċittadini Ewropej biex jiksbu appoġġ finanzjarju jvarja sew bejn il-pajjiżi. Minkejja li kważi 85% tal-parteċipanti rrapportaw li huma setgħu jiksbu appoġġ finanzjarju meta meħtieġ f'emerġenza, dan il-proporzjon għandu l-probabilità li jkun inqas fil-pajjiżi CC3 u NMS12 milli fl-UE15. L-irwol perċeput tal-familja li tipprovdni appoġġ finanzjarju jvarja wkoll bejn il-pajjiżi, b'inqas minn 60% jindikaw lill-familja bħal s-sors ewlieni ta' appoġġ fil-pajjiżi CC3 u NMS12 meta mqabbla mas-70% fl-UE15. Toħroġ inqas diverġenza bejn pajjiżi u gruppi ta' pajjiżi b'rabta mad-disponibilità perċeputa tal-appoġġ morali. Is-sors ewlieni ta' dan l-appoġġ huwa l-familja, ikkunsidrata bħala s-sors primarju minn madwar żewġ terzi taċ-ċittadini Ewropej fil-gruppi kollha tal-pajjiżi. B'mod ġenerali, fuq l-istess livell ta' tiċħid ta' stil ta' ħajja, individwi li għandhom aċċess għal appoġġ finanzjarju jew morali għandhom it-tendenza li juru livelli iktar baxxi ta' esklużjoni soċjali perċeputa.

Benesseri mentali

Madwar il-pajjiżi, livelli ogħla ta' prosperità fil-forma ta' PDG huma assoċjati ma' livelli ogħla ta' benesseri mentali. Din tista' tkun raġuni waħda għala ċ-ċittadini ta' pajjiżi CC3 u NMS12 jirrapportaw livelli ferm inqas ta' benesseri mentali bħala medja meta mqabbla ma' daww fl-UE15. Madankollu, parteċipanti fl-UE15 għandhom it-tendenza li jindikaw livelli ogħla ta' benesseri mentali fi kwalunkwe livell ta' tiċħid meta mqabbel ma' pajjiżi CC3 u NMS12.

Joħroġ differenzi sinifikanti bejn il-gruppi ta' pajjiżi fl-irwol tal-esklużjoni soċjali fir-rigward tas-saħħa mentali. Fis-CC3, esklużjoni soċjali perċeputa tikkontribwixxi biss bi grad limitat għal benesseri mentali iktar dgħajjef, filwaqt li l-effett huwa ħames darbiet iktar b'saħħtu fl-NMS12 u seba' darbiet iktar b'saħħtu fl-UE15. Jidher li l-effett dirett tat-tiċħid fuq is-saħħa mentali huwa ħafna iktar sinifikanti mill-effett indirett permezz ta' esklużjoni soċjali fil-pajjiżi kollha. L-effett indirett huwa, madankollu, relattivament iżgħar fl-ifqar pajjiżi CC3 meta mqabbel mal-NMS12 jew l-UE15.

Indikaturi tal-politika

- Fejn huwa possibbli, indikaturi uffiċjali tal-esklużjoni soċjali għandhom jiġu ssupplimentati b'miżuri suġġettivi ta' esklużjoni soċjali perċeputa, sabiex ikun stabbilit liema żvantaġġi għandhom konsegwenzi għall-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini Ewropej u taħt liema ċ-ċirkostanzi din iwarja.
- Żieda fil-livelli tal-edukazzjoni u l-ħiliet, kif ukoll l-iżvilupp ta' suq tax-xogħol dinamiku u varjat fis- CC3 u l-NMS12, għandha tipprovdni bażi li fuqha jista' jitnaqqas in-nuqqas ta' ugwajlanza fil-kundizzjonijiet tal-għajxien bejn pajjiżi tal-UE attwali u futuri.
- Biex ikun żgurat aċċess għas-suq tax-xogħol għal daww li jistgħu jaħdmu, flimkien ma' standard bażiku tal-għajxien iggarantit għal daww li ma jistgħux, jeħtieġ li jiġu żviluppati b'mod iktar koerenti u li jkun ta' benefiċċju għaż-żewġ naħat miżuri bħalma huma programmi għal suq tax-xogħol attiv u skemi ta' trasferiment tad-dħul.
- L-appoġġ soċjali għandu parti importanti fit-titjib tal-integrazzjoni u l-benesseri mentali għal kulħadd u biex jiffaċilita s-saħħa mentali għal daww b'kundizzjonijiet tal-għajxien dgħajfa. Ħarsa lejn interventi politiċi biex jistimulaw jew isostnu livelli ta' appoġġ soċjali għandha tkun prijorità fil-politiki tal-UE u fil-politiki nazzjonali.
- Il-politika dwar is-saħħa mentali teħtieġ tirrikonoxxi u tpoġġi fil-mira tagħha sorsi usa' ta' stress psikoloġiku assoċjat ma' kundizzjonijiet tal-għajxien ifqar, li jistgħu jżidu l-vulnerabilità għal problemi iktar serji ta' saħħa mentali, b'konsegwenzi u trattamenti li jiswew iktar flus li jirriżultaw iktar tard.
- Il-pajjiżi għandhom ifittxu li jitgħallmu mill-prattika tajba meta wieħed jikkunsidra li wħud, b'mod partikolari l-pajjiżi Skandinavi, għandhom iktar suċċess meta jiġġeneraw livelli ogħla ta' inklużjoni fuq livelli simili ta' ġid aggregat u l-istess livelli nominali ta' tiċħid individwali u standards tal-għajxien.

Iktar Informazzjoni

Ir-rapport tal-EQLS dwar il-Kundizzjonijiet tal-għajxien, esklużjoni soċjali u benesseri mentali huwa disponibbli online fuq: <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef0988.htm>.

Ir-rapport li jipprovdni ħarsa ġenerali tal-EQLS u iktar analiżi sekondarja tad-dejta tal-istħarriġ huma disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Eurofound fuq: <http://www.eurofound.europa.eu/areas/qualityoflife/eqls/>.

Teresa Renehan, Uffiċjal ta' kollegament ta' informazzjoni
ter@eurofound.europa.eu